# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

### Laqgħa Nru. 55/2016

Data: 8 ta' Ġunju 2016

Hin: 6.30 pm

Post: Uffiċċju Amministrattiv Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera

| | | | |
|---|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |

Assenti:

### AĠENDA

#### 1. Talba

F'dan l-istadju (6.32pm) is-Sindku nforma lill-membri preżenti lis-Sur Darren Carabott kien skużat għal-laqgħa.

#### 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il-Minuti tal-54 Laqgħa ttieħdu bħala moqrija

#### 2.1 Korrezzjoni tal-Minuti tal-54 Laqgħa.

**2.1.1** Minuta 9.5 minflok il-kelma "jgħatti" issir "joffri".

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku:

## 3. Affarijiet li jitqajmu mill-Minuti;

3.1 Minuta 3.4 - Is-Sindku nforma lill-membri lis-Serata ta' ġieħ lill-Granmastru Alof de Wignacourt u l-proġett tal-Akkwadott saret u kienet ta' suċċess. Is-sindku qal li jixtieq jiġbed l-attenzjoni dwar il-volum għoli tas-sound li f'xi ħinijiet beda jiddisturbaw lil dawk preżenti. Apparti minn hekk qal ukoll li meta tqassmu l-flyers kien hemm xi toroq li kienu maqbuża għaldaqstant huwa qal sabiex ninfurmaw lill-għaqda qasmet il-flyers sabiex darb' oħra joqgħodu attenti u t-tqassim isir fid-djar kollha.

3.2 Minuta 4.1 – Is-Sindku staqsa lis-Segretarju jekk kienx hemm komunikazzjoni dwar il-laqgħat informattivi mingħand Lifelong Learning. Is-Segretarju nforma lis-Sindku li s'issa l-Kunsill m'għandu l-ebda forma ta' risposta. Is-Sindku talb lis-Segretarju sabiex tintbagħat reminder.

3.3 Minuta 4.4 – Is-Sindku staqsa lis-Segretarju jekk il-WO tat-tabelli li jindikaw il-Knisja Parrokkjali u l-Knisja l-Qadima (Martiċi). Is-Segretarju qal li l-ordni kienet għadha ser issir minħabba l-fatt li jixtieq ikun jaf x'tip ta' tabelli l-membri jixtiequ li jsiru. Wara diskussjoni ġie deċiż sabiex isiru tabelli kannella bl-arma bħal ma hemm f'lokalitajiet oħra.

3.4 Minuta 9.2 – Is-Sindku nforma lill-membri li mingħajr l-ebda struzzjoni tal-Kunsill. L-istess ħaddiem assenjat mal-Kunsill mela l-ħofor li kien hemm fi Triq il-Madonna tal-Karmnu bil-cold asfalt. Is-Sindku qal li nġibdet l-attenzjoni lill-ħaddiem assenjat sabiex ma jsir l-ebda xogħol jekk mhux bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill. Apparti minn hekk is-Sindku qal li fil-ġranet li ġejjin ser ikollu laqgħa mal-avukat tal-Kunsill u ser jieħu parir legali.

3.5 Minuta 9.3 – Is-Sindku nforma lill-membri dwar ix-xiri tal-barriers fejn qal li issa il-Kunsill ġab tlett kwotazzjonijiet fejn il-prezzijiet ivarjaw bejn €78 u €336 għal kull barrier. Is-Sindku qal li bejn wieħed u ieħor il-Kunsill għandu bżonn madwar 20 barrier. Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda sabiex dawn il-barriers ma jinxtrawx iżda l-Kunsill jibqa' jikrihom bħal ma dejjem sar.

## 4. Korrispondenza

4.1 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill irċieva talba mingħand id-Direttur ta' Arzella Child care Centre ta' Triq il-Kbira San Guzepp fejn qed tintalab sabiex issir rampa barra għal dawk it-tfal bi bżonnijiet speċjali. Is-Sindku spejga li hu m'għandu l-ebda oġġezzjoni sakemm ikun hemm il-permessi meħtieġa mill-Mepa. Apparti minn hekk is-Sindku ssuġġerixxa sabiex din ir-rampa issir b'tali mod li tkun tista' tinqala' dejjem jekk ikun hemm bżonn.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament.

4.2 Is-Sindku nforma lill-Membri dwar il-premju B'ĦILTI WASALT, taħt il-patroċinju tal-President tar-Repubblika ta' Malta. L-għan huwa li l-persuni nominati jkun iddentifiki individwi li darba kienu f'riskju ta' faqar u li permezz ta' ħidmiethom

irnexxielhom joħorġu minn dan ir-riskju u jegħlbu kull ostakolu, waqt li fl-istess ħin għamlu dan b'solidarjetà ma' sħabhom u l-bqija tas-soċjetà. Dan il-Premju jservi ta' ċelebrazzjoni nazzjonali ta' dak l-ispirtu ta' inizjattiva u kunfidenza fik innifsek li hemm bżonn sabiex tirnexxi f'ħajtek, waqt li fl-istess ħin tagħmel dan mingħajr ma taħseb biss fik innifsek u b'solidarjetà ma' għajrek. F'dan ir-rigward is-Sindku huwa tal-ideja sabiex il-Kunsill jinnomina lis-Sur Bjorn ALS. Huwa qal li jekk ser ikun hemm qbil ser jieħu hsieb l-applikzzajoni minħabba id-dettalji meħtieġa fejn in-nominazzjoni trid tintbagħat sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2016.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament mal-proposta tas-Sindku.

4.3 Is-Sindku nforma lill-membri dwar korrispondenza dwar l-attivitajiet għal matul il-*European* Mobility Week 2016 li ġew imħabbra waqt il-Press Conference il-Ħamis 2 ta' Ġunju 2016. Il-Kunsill huwa mistieden għal-laqgħa ta' informazzjoni, biex jingħata s-sapport meħtieġ lill-Kunsilli Lokali għal din l-inizjattiva, li tinkludi diversi kompetizzjonijiet fejn premijiet jinkludu għoti ta' għajnuna finanzjarja lill Kunsilli Lokali rebbieħa. Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri li din il-laqgħa ser issir nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju 2016 mis-14.30 sat-16.30 ġewwa l-uffiċini ta' Transport Malta. Wara diskussjoni ġie deċiż li jekk l-Kunsill jikkonsidra l-parteċipazzjoni tiegħu jekk din ser tkun qabel ma tibda l-iskola. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jattendi għal din il-laqgħa ta' informazzjoni.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament.

4.4 Is-Sindku nforma lill-Membri li bħal ma sar fi snin ta' qabel il-Kunsill irċieva t-talba mingħand il-Kumitat tal-Banda u tan-Nar sabiex fiż-żmien il-festa il-Kunsill jieħu ħsieb meters tad-dawl temporanji.

Il-Membri qablu unanimament

4.4.1 Apparti minn hekk is-Sindku nforma wkoll lill-membri li l-Kunsill irċieva talba mingħand l-Għaqda tan-Nar 26 ta' Lulju sabiex b'kongunzjoni megħhom isir il-ktieb li joħroġ fi żmien il-festa. Is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill jipparteċipa fil-ħruġ ta' dan il-ktieb. Is-Sur Jason Mangani ssekonda lis-Sindku.

Wara diskussjoni l- Membri qablu unanimament

## 5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni

Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

## 6. Ilmenti

Is-Sindku nforma lill-Membri li minħabba lis-sistema Servizz Gov.mt inbidlet in-numri tal-ilmenti issa bdew mill-ġdid.

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 21 sa lment numru 37.

| | |
|---|---|
| 21 | Grima & Sons |
| 22 | Ma tistax issir għax irid ikun hemm 6 ħwienet |
| 23 | Ma tistax issir għax tkun fi blind corner apparti li hemm waħda fi Triq Braille |
| 24 | Contract Manager |
| 25 | Ħaddiema Assenjati |
| 26 | Grima & Sons |
| 27 | Ser issir fil-ġimgħat li ġejjin |
| 28 | WO għal sitt dog litter bins |
| 29 | Contract Manager |
| 30 | Każ pendenti mal-Pulizija |
| 31 | Ninfurmaw lill-Perit tal-Kunsill dwar is-sitwazzjoni |
| 32 | Ħaddiema Assenjati |
| 33 | Bħal ilment nru 7 |
| 34 | Ittra lis-Sid tal-ħanut |
| 35 | Ħaddiema Assenjati |
| 36 | Issir applikazzjoni mal-Enemalta |
| 37 | Tintbagħat ittra |

## 7. Ordnijiet tal-ġurnata

### 7.1 Ko-ordinatur/Project Manager għall-fondi mill-Unjoni Ewropeja

Is-Sindku nforma lill-membri li wasal iż-żmien sabiex il-Kunsill jimpjega ko-ordinatur/Project Manager sabiex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni sabiex jibbenifika mill-fondi mill-Unjoni Ewropeja.

Il-Membri qablu unanimament.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li minħabba is-sistema il-ġdida tat-Tenders EPPS, it-Tender tal-proġett tal-Palazz l-Aħmar għadha ma ħarġitx.

## 8. Minuti ta' Kumitati/Sotto Kumitati;

**8.1** Ma kienux preżentati l-ebda minuti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati.

## 9. Kommunikazzjoni mis-Sindku

9.1 Is-Sindku nforma lill-Membri dwar it-tiswijiet estensivi li qed isir fuq il-funtani tal-Ġnien Romeo Romano sabiex b'hekk dawn il-funtani jerġgħu jaħdmu u għaldaqstant jitgawdew mil-pubbliku li jżuru dan il-ġnien.

Il-Membri qablu unanimament.

9.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva ċirkulari dwar il-ħatt tal-containers fejn l-istess ċirkulari qed tagħti permessa sabiex il-Kunsill joħroġ il-permess tal-containers u jżomm ħlasijiet dovuti ta' €2.33 kull metru kwadru. Is-Sindku qal li hu tal-opinjoni li jirrifjuta din il-premessa u għaldaqstant ma jaqbilx li l-Kunsill joħroġ dawn il-permessi ġaladarba dawn qed ikunu ta' inkonvenjent għar-residenti.

## 10. Aġġornament

10.1 Il-Laqgħa tal-Kunsill ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 6 ta' Lulju, 2016 fil-6.30 ta'filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

10.2 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 ta' filgħaxija.

***Stephen Sultana***
*Sindku*

***Michael Mifsud***
*Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 6 ta' Lulju 2016